

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) Ir-rikorrenti hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha u l-ispejjeż tal-konvenut.

<sup>(1)</sup> ĠU C 252, 31.08.2013.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Diċembru 2013 – Invivo vs OLAF****(Kawża T-690/13)**

(2014/C 151/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Invivo Ltd (Abinsk, ir-Russja) (rappreżentant: T. Huopalainen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF)

**Talbiet tar-riktorrenti**

- tistħarreġ il-legałită tan-nuqqas tal-konvenut milli jieħu azzjoni fil-Każ OF/2013/0902 wara li dan intalab jieħu azzjoni mir-riktorrenti;
- tordna lill-konvenut sabiex jieħu azzjoni.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-riktorrenti tagħha, ir-riktorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq in-nuqqas li tittieħed azzjoni skont l-Artikolu 265 TFUE, peress li l-interessi finanzjarji tal-UE huma involuti fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) 1073/1999 <sup>(1)</sup> meta l-ägencija nazzjonali li tagħti l-għajnejha tirċievi l-parti l-kbira tal-fondi tagħha mill-UE u fejn min-naħħa ta' min allegatament abbuża hemm involuti entitajiet legali minn tal-inqas żewġ Stati Membri.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar investigazzjonijiet immekkija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU Edizzjonali Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 91)

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Frar 2014 – Schniga vs CPVO – Brookfield New Zealand (Gala Schnitzer)****(Kawża T-91/14)**

(2014/C 151/27)

Lingwa tar-riktorrenti: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Schniga GmbH (Bolzano, l-Italja) (rappreżentanti: G. Würtenberger u R. Kunze, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Brookfield New Zealand Ltd (Havelock North, in-New Zealand)